TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1331

Kaz Nru 1448

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Steven Louis Agius

u

Dambal Caterers Ltd.,

dwar tkeccija mill-impieg

allegata li hi ngusta.

Illum : 3 ta' Settembru, 2002

Chairman : Is-Sur Harold Walls M.Sc., DPM, IPD (UK)

## INTRODUZZJONI

Din il-Kwistjoni tax-Xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali mill-Onor. Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali permezz ta' ittra datata 15 ta' Gunju, 2000 Ref. MSP/TI/42/2000, biex tigi processata skond il-Provvedimenti ta' l-Artiklu 28 (2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-appellant Steven Louis Agius kien assistit mill-Avukat R. Scott u ghas-Socjeta Dambal Caterers Ltd., deher is-Sur Joe Balzan assistit mill-avukat R. Frendo.

## DIKJARAZZJONIJIET TAL-KAZ

Fl'istqarrija tal-kaz l-Appellant qal li kien gie mpjegat mas-socjeta fl-20 ta' Dicembru 1998, bhala Sous Chef u wara gie promos ghall-Head Chef. Huwa jkompli jghid li dejjem ghamel id-doveri tieghu u hadem skond l-esigenzi tax-xoghol biex ir-restorant jikseb ir-reputazzjoni tajba li jgawdi llum. Huwa jkompli jghid, li wahda mill-akbar problemi li kien hemm fil-kumpanija kienet li l-pagi ma kienux johorgu fil-hin u b'rizultat ta' dan kien hemm diversi haddiema li telqu mill-impieg.

L-appellant ikompli jghid, li hu kien jahdem b'sistema ta' shift ta' 'day in day out' u invista ta' dan kien gie mpjegat Chef iehor biex dan jahdem il-guranta off li kellhu. Fl-istqarrija tal-kaz, l-appellant jghid li fix-xhur ta' Frar u Marzu 2000 kienu xhur ta' ftit xoghol u nhar il-Hadd 19 ta' Marzu, meta dahal ghax-xoghol bghat ghalih il-General Manager fejn qallu biex johrog bil-leave. Wara dan huwa kellu laqgha mas-Sur Joe Balzan fejn giet diskussa l-qaghda u gie infurmat flimkien ma impjegati ohra li kellhom ikunu bil-leave sa 10 ta' April, 2000 u wara din id-data jiltaqghu u jitkellmu. Izda fit-2 ta' April ircevew ittra datata 29 ta' Marzu, 2000 fejn gew mgharrfa li kellhom jibqghu bil-leave sakemm jitlestew l-accounts.

L-appellant kompla jghid, li fl-10 ta' April, il-General Manager cempillu u qallu 'Joe told me to tell you, it's over, you are being made redundant'.L-appellant ikompli jghid, li aktar tard kien tkellem mas-Sur Joe Balzan fejn qallu li huwa kien kostrett li jiddikjarah redundant minhabba low profit margins tal-kumpanija. Fi tmiem il-laqgha l-appellant u is-Sur Balzan qablu li l-accountant kellu jikkalkula l-ammonti ta' flus li kienu dovuti lilhu. Huwa jkompli jghid, li hu rega ltaqgha mas-Sur Balzan fit-12 ta' April fejn imlew it-termination form ta' l-ETC u raguni tat-terminazzjoni ta' l-impieg giet imnizzla bhala redundancy. Kienu wkoll iccekjaw il-hlasijiet pendenti u li kien ghad fadal kien li l-accountant jikkonferma dawn il-figuri. Huwa jkompli jghid, li regghet saret laqgha ohra fl-1 ta' Gunju fejn kien hemm prezenti wkoll l-accountant u f'din il-laqgha is-Sur Balzan ikkonferma l-ammonti ta' flus dovuti lilhu. Izda, l-appellant ikompli jghid, li hu ircieva LM 997 anqas mill-ftehim li kien hemm u skond il-Kumpanija dan kien sar biex jigu koperti spejjez li l-appellant kellu jghati lill-Kumpanija.

L-appellant ikompli jghid, li wara dan huwa kien ipproceda fil-konfront ta' Dambal Cateres Limited permezz tal-konsulent legali tieghu. Huwa jkompli jghid, li wara kien ukoll ivverifika mal-ETC dwar it-terminazzjoni tal-impieg tieghu u irrizulta li l-Kumpanija ma bghatitx it-Termination Form li ffirmaw bejniethom, izda bghatet termination form ohra, li kienet antika u ma kienx hemm ir-raguni tat-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu. Huwa jghid ukoll, li mill-informazzjoni li kellu c-chef l-iehor baqa' fl-impieg minkejja li kien gie mpjegat warajh.

Fl-ahhar ta' l-istqarrija tieghu, l-appellant jghid li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu kienet wahda ngusta u mhux valida skond il-ligi, stante li fil-waqt li l-Kumpanija sostnit li t-terminazzjoni ta l-impieg kienet ghal ragunijet ta' redundancy, hija ma keccietx lill-ahhar impjegat taghha izda lill-ewwel wiehed . Inoltre ma kien hemm l-ebda raguni ghalfejn kellu jitkecca mill-impieg stante li dejjem ta' servizz tajjeb lis-socjeta.

Fl-istqarrija tal-kaz is-Socjeta intimata tghid li fil-bidu, meta ir-rikorrenti kien l-uniku full-time chef fir-restorant, il-ftehim bejn il-partijiet kien fis-sens illi l-istess rikorrenti kellu jahdem gimgha ta' hamsin siegha. Sussegwentement, meta zdied ix-xoghol u fuq talba tieghu li dan kien ghall habta ta' Dicembru 1999, is-socjeta kienet impjegat chef iehor u ghalhekk kien gie deciz illi z-zewg chefs kellhom jahdmu fuq bazi ta' 'day-on, day off', b'dan illi fil-granet illi jmisshom xoghol, kellhom jahdmu minn fil-ghodu sa fil-ghaxija. B'hekk, minkejja dan it-tibdil, ic-chefs xorta wahda kellhom jahdmu gimgha ta' mhux anqas minn hamsin siegha.

Is-socjeta tkompli tghid, li b'danakollu aktar ma beda jghaddi z-zmien, l-agir tar-rikorrenti, li qatt ma kien xi wiehed ezemplari, aktar beda jiddeterjora. Minflok ma beda jahdem minn fil-ghodu, skond ma kien il-ftehim huwa beda fil-granet illi jkun xoghol, jidhol biss fis-sitta ta' fil-ghaxija. B'hekk huwa ma bediex jaghmel is-sighat tax-xoghol li kienu rikjesti minnhu. Dwar dan ingibdet l-attenzjoni tieghu ripetutament, izda huwa baqa' jirrifjuta illi jottempera ruhu mal-kundizzjonijiet ta' l-impieg tieghu. Is-socjeta tkompli tghid, li kien hemm ukoll incidenti ta' mismanagement da parti tar-rikorrenti illi setghu kellhom konsegwenzi serji ghar-restaurant. Ta' min wiehed jissenjala incident fejn salamuna shiha thalliet barra mill-fridge ghal hin twil, u incident iehor fejn naqas stokk minghajr awtorizzazzjoni tas-socjeta intimata.

Is-socjeta tkompli tghid li inoltre, u aktar serjament minn hekk, bdew jinholqu diversi incidenti da parti ta' l-istess rikorrenti illi rrendew il-hajja ghall-bqija ta' l-istaff insopportabbli, u poggew f'perikolu serju r-reputazzjoni tat-Timeo Restarurant. Ir-rikorrenti beda jagixxi b'mod insubordinate u jirrijfuta li jiehu ordnijiet tal-klijenti, b'mod illi kien hemm diversi lmenti da parti tal-klijentela tat-Timeo Restaurant. Ma dan is-socjeta semmiet ukoll incidenti ohra li ir-rikorrenti kellu ma membri ohra ta' l-

istaff fosthom li kien ggieled mar-restaurant manager ta' dak iz-zmien u anke garalu tagen, u wkoll hedded wiehed mill-waiters billi poggielu tagen jahraq ma wiccu. Inoltre, dan ir-rikorrenti ha attitudini ferm arroganti sahansitra mad-diretturi u managers tas-socjeta intimata, li kklamaw f'incident fejn ir-rikorrenti stess qal kliem fis-sens illi 'jien Alla hawn gew'- li kien l-ahhar incident li rrizulta fit-tkeccija ta' l-istess intimat.

PROVI

Quddiem it-Tribunal Industrijali gie stabilit li skond il-formola tat-terminazzjoni ta' l-impieg, l-appellant kien impjegat bhala Chef. Gie stabilit ukoll, li hu kien l-ewwel chef impjegat fil-kcina u warajh kien gie impjegat chef iehor li kien inkarigat ukoll mix-xoghol tal-kcina. Iz-zewg chefs kienu jolteraw biex jahdmu id-days off ta' xulxien.

Matul it-trattazzjoni tal-kaz, mix-xhieda u dokumenti li gew imressqa quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta, li ir-raguni tat-terminazzjoni ta' l-impieg li giet moghtija lill-appellant mill-management tal-Kumpanija kienet ghall-ragunijiet ta' sensja u b'dan l-appellant sar jaf waqt li kien bil-leave mill-General Manager tal-Kumpanija. Mill-provi jirrizulta wkoll li din ir-raguni ta' sensja kienet giet ikkonfermata lill-appellant skond id-Dikjarazzjoni ta' Tmiem ta' Impieg tal-formola ta' l-ETC, datata 12 ta' April 2000. Izda, il-management tal-Kumpanija ma bghatx din il-formla lill-ETC, u minflok bghat formola ohra (lill ETC) datata 2 ta' Marzu 2000 liema formola hija antika u m'hemmx indikat ghall-liema raguni gie itterminat l-impieg ta' l-appellant.

Mill-provi jirrizulta wkoll, li aktar tard meta l-appellant sar jaf li kien baqa fl'impieg chef iehor li dahal warajh, ressaq il-kaz tieghu quddiem it-Tribunal Industrijali. Mill-fatti jirrizulta wkoll, li kien hawn li l-kumpanija issottomettiet il-kaz taghha li l-impieg ta' l-appellant gie itterminat mhux fuq bazi ta' sensja izda fuq kawza dixxiplinarja. Rigward il-kazi ta' dixxiplina, il-kumpanija bbazat il-kaz taghha li t-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant gie tterminat fuq kazijiet li graw matul il-hajja ta' l-impieg tieghu, liema kazijiet gew ikkontestati mill-istess appellant u kien hemm xhieda konflingenti dwar il-mod kif sehhew dawn il-kazi. Mix-xhieda u l-provi

jirrizulta wkoll, li ghalkemm il-kumpanija qalet li l-kaz tat-tkeccija kien fuq wiehed dixxiplinarju, izda fl-ebda stadju tat-trattazzjoni tal-kaz ma gie stabilit, li l-kumpanija kienet gharfet lill-appellant li kienet se tittermina l-impieg tieghu fuq kawza dixxiplinarja u ghall-liema kawza dixxiplinarja kienet se tittermina l-impieg tieghu.

## KONSIDERAZZJONIJIET

It-Tribunal Industrijali jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda biex jinghad li t-Tribunal Industrijali ghandu dubji serji dwar il-vera raguni li wasslet ghat-tkeccija ta' l-impieg ta' l-appellant. Dan id-dubju jirrizulta mill-fatt, li l-ewwel il-kumpanija kienet infurmat lill-appellant li l-impieg tieghu kien se jigi terminat ghall-raguni ta' sensja u b'dan kienet infurmatu kemm permezz tal-General Manager kif ukoll jirrizulta mill-fatt li hemm formola tat-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-ETC iffirmat mill-kumpanija u li jgib id-data ta' 12 ta' April 2000, liema formola ma ntbghatitx lill-ETC u minflok din il-formola l-kumpanija ghazlet li tibghat formola ohra datata 2 ta' Marzu 2000, li kienet formola antika u li fiha m'hemmx indikat ghall-liema raguni gie itterminat l-impieg ta' l-appellant. It-Tribunal Industrijali hu tal-fehma li ic-cirkostanzi tal-fatti jindikaw, li l-ewwel l-Kumpanija kienet iffirmat il-formola ta' 12 ta' April 2000, fejn giet moghtija li ir-raguni ta' terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant kienet ta' sensja, izda meta b'xi mod indunat li din ir-raguni kienet se tigi kkontestata mill-appellant, minflok li bghatet din il-formola lill-ETC bghatet formola ohra bid-data ta' 2 ta' Marzu 2000, fejn uzat formola antika ta' l-ETC li ma tindikax ghall-liema raguni gie tterminat l-impieg ta' l-appellant. It-Tribunal Industrijali hu tal-fehma li ic-cirkostanzi tal-fatti jindikaw, li dan sar biex l-kumpanija tahrab mir-responsabilita' li tghati raguni ghat-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant biex fl-eventwalita li l-appellant jressaq il-kaz tieghu quddiem it-Tribunal Industrijali, tkun tista tghazel dak inhar ir-raguni skond il-konvinjenza taghha u dan sar specjalment meta kienet taf, li jekk ir-raguni tat-terminazzjoni ta' l-impieg kienet se tkun ta' sensja kien se jidher li se jkun hemm nuqqas minn naha taghha ghax kienet taf li l-appellant ma kienx l-ahhar persuna li dahal fl-impieg u ghaldaqstant ma kienx imiss lilu li jigi tterminat l-impieg tieghu fuq bazi ta' sensja. Infatti, meta l-kaz tressaq quddiem it-Tribunal Industrijali, it-tezi tal-Kumpanija kienet li l-impieg ta' l-appellant ma kienx ghall-raguni ta' sensja, izda fuq raguni dixxiplinarja. Dwar dan l-aspett, it-Tribunal Industrijali jirrimarka li anki kieku it-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant saret

fuq bazi ta' dixxiplina, fl'ebda stadju tal-kaz ma gie ippruvat li l-kumpanija kienet gharfet lill-appellant li ir-raguni tat-tkeccija mill-impieg tieghu kienet se tkun fuq bazi ta' dixxiplina u ma dan ovvjament la darba l-appellant ma giex infurmat mill-Kumpanija li ir-raguni ta' l-impieg tieghu kien se jigi tterminat fuq bazi ta' dixxiplina ma giex moghti l-opportunita mill-management li jirrispondi ghall-akkuza u jiddefendi l-kaz tieghu qabel ma saret it-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu.

DECIZJONI

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-istatements of case tal-partijiet, ra u ezamina d-dokumenti esebiti, sema' x-xhieda prodotti, kkunsidra s-sottomissjonijiet finali isib, li t-terminazznjoni ta' l-impieg ta' l-appellant ma hix gusta.

It-Tribunal Industrijali jordna, li fil-waqt li l'appellant ma'ghandux jigi moghti l-impieg lura huwa ghandu jigi moghti kumpenss ta' LM1600 (elf u sitt mitt lira Maltija) liema kumpenss m'ghandux jinkludi xi hlasijiet ohra li jistghu ikunu dovuti lilhu u li dwarhom hemm proceduri li qed isiru quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet Steven Louis Agius vs Dambal Caterers Limited.

Dan il-kumpenss ta' LM1600( elf u sitt mitt lira Maltija) ghandu jithallas mill-kumpanija lill appellant sa nhar il-Gimgha 4 ta' Ottubru, 2002.

Ghall-finijiet tal-Avviz Legali Numru 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista fl-ammont ta' erbghin lira Maltin (LM 40).

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Harold Walls
Chairman

Vince Micallef
Segretarju